it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

MEJJU 2018 - Nru. 460

Kemm fiha misteri l-ħajja!
Kemm nisimgħu bi ġrajjiet li ma nifhmuhomx.
Nippruvaw insibu raġuni għal kull ħaġa li tiġri ...
u nitilfu l-paċi, saħansitra niddispraw kull meta
sitwazzjonijiet ta' dieqa ma nifhmuhomx.

Min jista' jifhem il-pjan ta' Alla?

Il-pjan ta' Alla għalina hu bħal *jigsaw puzzle*
magħmula minn eluf ta' biċċiet. Aħna naraw
il-biċċiet imħawwdin, u nitfixklu fejn iridu
jiġu fl-istampa ta' ħajjitna.

Imma Alla jaf fejn trid tiġi kull biċċa ta' din
il-*jigsaw puzzle* kbira. Jaf kull biċċa fejn hu
postha sabiex tifforma l-istampa kollha:
il-pjan tiegħu. Mela ħalli nafdaw fih!

jigsaw puzzle

Mill-fond tal-qalb

Editorjal

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema

Nru. 460
Mejju 2018

Ħbieb,
L-għan ta' kull bniedem hu li jkun ferħan. Kemm il-bniedem li jipprova jgħix tajjeb, kif ukoll dak li qed jgħix fid-dnub, kollha kemm huma qed ifittxu l-ferħ ... ovvjament bil-modi tagħhom differenti:
min isib il-ferħ fil-paċi tal-Mulej;
min jipprova jsib il-ferħ fil-ħwejjeġ tad-dinja;
min saħansitra jipprova jsib il-ferħ fil-pjaċiri sesswali, jew iqarraq sabiex jakkwista flus, pożizzjoni, poter ...

Però l-ferħ tassew jinsab fil-paċi li tiġi mill-fond tal-qalb ta' kull bniedem, u inutli li nippruvaw insibuha 'l barra minna. Il-bniedem iblah, bla kwiet, bla mistrieħ, jakkwista xi ħaġa, flus, propjetà, fama ... isib il-kuntentizza għal ftit taż-żmien, u jerġa' jrid jakkwista aktar. Min iqarraq imur agħar, għax jispiċċa dejjem beżgħan li ser jinqabad, li se jitlef kollox ...

Imbagħad, mill-banda l-oħra, issib lil dawk li m'għandhom xejn minn dan, u tarahom ferħanin, kuntenti ... mhux talli kuntenti huma, imma fejn ikunu jferrħu lil ħaddieħor, u lesti li jgħinu lil ħaddieħor ikun ferħan ukoll. Dawn ikunu għarfu l-grazzja ta' Alla li tinsab fihom, u jgħixu fiha.

Kos ... l-ironija tal-ħajja! Min jgħix għal din id-dinja biss, jispiċċa lanqas ikun jaf jgħix kuntent u ferħan fiha; imbagħad issib in-nisrani konvint li jemmen fil-ħajja eterna, u anki f'din il-ħajja jkun jaf jgħix il-veru ferħ li l-Mulej poġġielna fil-fond ta' qalbna.



Every child is a precious and unique gift from God. We have no right to destroy this gift

Defenceless baby needs special protection since it cannot stand up for its own rights

The rights of the unborn child are equal to those of her mother

The embryo is human from conception with its own DNA.
Left alone, it will develop into a person

Children with physical or learning disabilities can lead full and rewarding lives. Aborting people because of disability is like telling disabled people that they are worthless

Abortion is murder – the deliberate taking of a human life

Doctors and nurses promised to save life, not destroy it.
Abortion breaks the Hippocratic Oath

The foetus can feel pain and has intelligence

The United Nations Convention on the Rights of the Child says that children need protection both before and after birth

Unwanted babies could be adopted.
Many childless couples are desperate to adopt.

"Il-Frott tal-Gwerra"

Lejn l-aħħar tas-sena 2017, il-Papa Franġisku talab l-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan biex jistampa u jqassam kopji ta' ritratt meħud wara li kienet splodiet il-bomba nukleari fuq Nagasaki fil-Ġappun.

Ir-ritratt *(xellug)* juri tifel Ġappuniż ta' madwar għaxar snin iġorr fuq spallejh il-katavaru ta' ħuh iżgħar minnu, li kien miet kaġun tal-bomba nukleari. Kien se jieħdu għall-kremazzjoni.

Fuq wara tar-ritratt il-Papa Franġisku kiteb: "Il-Frott tal-Gwerra". Il-Papa ffirma u spjega li r-ritratt kien ittieħed minn fotografu tal-*Marines* Amerikani mibgħut Hiroshima u Nagasaki wara li ntefgħu fuqhom bombi nukleari li ħallew diżastru sħiħ. Ta' min jgħid li dawn iż-żewġ bombi ntefgħu fuq Hiroshima fis-6 ta' Awwissu 1945 u li f'dan il-każ mietu madwar 80,000 mal-iżplużjoni tremenda, ċifra li baqgħet tielgħa għal madwar 200,000 b'dawk li mietu wara b'effett tal-bomba. Fuq Nagasaki mbagħad, il-bomba ntefgħet fid-9 ta' Awwissu 1945, u hemmhekk mietu mill-ewwel madwar 70,000 ruħ u ċ-ċ-ċifra wkoll baqgħet tiela 'l fuq b'dawk li mietu wara.

Il-Papa kompla jikteb hekk: "Id-dwejjaq tat-tifel hu espress bix-xufftejn marsusa, migduma u bid-demm ħiereġ minnhom". Il-pubblikazzjoni ta' dan ir-ritratt tqieset bħala mod ieħor kif il-Papa Franġisku esprima t-tħassib kontinwu tiegħu dwar it-theddida ta' gwerra nukleari.

It-tħassib tal-Papa, fil-fatt, xejn ma hu esaġerat, għax il-President tal-Korea ta' Fuq, Kin Jong Un, fl-indirizz tiegħu fil-bidu ta' din is-sena, wissa li l-buttuna tal-bomba nukleari qiegħda fuq l-iskrivanija tiegħu u lesta tintuża jekk pajjiżu jkun mhedded.

Il-Papa żgur li ma nkwetax għalxejn, kif deher ċar f'dik il-manifestazzjoni nazzjonali li għamlet il-Korea ta' Fuq fit-8 ta' Frar ta' din is-sena meta wriet lid-dinja l-bombi nukleari li għandha lesti.

... U ĦALAQ L-OMM

Fil-bidu, meta d-dinja kienet għadha vojta, it-tfal kienu kollha fil-Ġenna. Kollha ferħanin, jilgħabu flimkien, iġawdu s-sabiħ kollu li wieħed jista' jimmaġina. Jum fost l-oħrajn il-Mulej ġabarhom madwaru u qalilhom: "Araw, id-dinja li għadni kemm ħlaqt għadha vojta u battala. Kont qed naħsibha li nibgħatkom fiha biex timlewha bil-ferħ u bl-innoċenza tagħkom".

Xi tfal pronti qalulu: "Iva mmorru, imma rridu nieħdu magħna l-mużika u l-kant li hawn fil-ġenna, għax kif nistgħu ngħixu mingħajr kant u mużika?" U l-Mulej ħalaq l-għasafar!

Tfal oħra qalulu: "Aħna mmorru wkoll, iżda rridu nieħdu magħna l-kuluri sbieħ li hawn fil-Ġenna, għax kif nistgħu ngħixu mingħajr din il-varjetà ta' kuluri sbieħ li hawn ?" U l-Mulej ħoloq il-ward u l-fjuri!

Kien hemm grupp ta' tfal oħra li l-Mulej qalulu: "Aħna nixtiequ nieħdu magħna l-wisa' u l-blu tas-sema għax kif nistgħu ngħixu mingħajr dan is-sens ta' libertà?" U l-Mulej ħoloq il-baħar!

Imbaghad, daqsxejn ta' tifel, timidu u mistħi, refa' sebgħu biex jitkellem. Deher xi ftit inkwetat hekk kif lill-Mulej qallu: "Mulej, jekk tridni mmur fid-dinja, ikolli mmur, ma nixtieqx ma nobdikx, imma jekk jogħġbok, oħloq lil xi ħadd kapaċi jkun qrib tiegħi, iħobbni, jaqbadli idi u jimxi miegħi kull fejn immur!" Il-Mulej għoġbitu din it-talba u ddeċieda li joħloq l-OMM!

Din sempliċi storja, imma fiha verità kbira! Għax fil-persuna tal-omm, il-Mulej tana rigal. Aqraw din is-silta minn ittra li ħabib tagħna bagħatilna wara li tilef 'l ommu:

"Ħbieb, kienet daqqa għalija u għadni ma rkuprajtx. Il-mewt ta' ommi ħassejtha wisq. Kien il-Ħadd filgħodu li rajtha l-aħħar. Kienet qed tbati u tmajtha kif stajt. Qabel tlaqt, ommi qaltli: GRAZZI TA' KOLLOX. Weġibtha li jien għandi ngħidilha dawn il-kelmiet. Tatni l-barka tagħha u qaltli biex immur bil-kwiet. Sinċerament, ħbieb, dawn il-kelmiet għadhom jidwu ġo widnejja kuljum. Għalkemm għandi l-familja tiegħi, però xorta qed inħoss il-vojt tagħha. Jiġu quddiemi l-mumenti sbieħ, iżda wkoll dawk il-ftit okkażjonijiet fejn b'għemili stajt inqastha. Inħoss dispjaċir ta' dan imma naf li ommi ħafritli żgur! Jien ser nibqa' ngħozz dawk it-teżori li għaddietli matul ħajjitha. Mhux id-deheb u l-fidda, iżda t-tagħlim u l-eżempji sbieħ li tatni, l-imħabba bla qies tagħha lejn uliedha, is-sagrifiċċji kbar u l-paċenzja li ħadet bija u b'oħti biex tatna trobbija u edukazzjoni xierqa. Illum naf verament xi tlift! Nitolbu għaliha."

Mill-wied ta' Pompei

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju ta' Pompej hi marbuta b'mod speċjali mal-ħajja tal-Beatu Bartolo Longo ***(ritratt xellug).*** Dan kien avukat magħruf minn Brindisi. Għamel xi żmien imbiegħed mill-prattika tar-reliġjon sakemm ta' 24 sena ikkonverta bis-serjetà u beda jingħata għall-opri ta' karità. Sar ukoll Terzjarju Dumnikan.

Hu kien l-avukat li jieħu ħsieb il-beni tal-Kontessa armla 'de Fusco' li kellha ħafna propjetà fil-Wied ta' Pompej. Dak iż-żmien dal-post kien il-mekka ta' ħafna ħallelin. Bartolo Longo ġietu ħniena minnhom u beda jaħseb x'seta' jagħmel biex jeħlishom mill-miżerja li kienu fiha.

Is-soru Konċetta Delitala tatu kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li ħeġġeġ lil Bartolo biex jaħdem ħalli tinbena knisja fil-Wied ta' Pompej. Kien fis-7 ta' Mejju 1891 li l-knisja tlestiet u ġiet iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju ta' Pompej. Fuq l-inizjattiva ta' Bartolo Longo, madwar is-Santwarju nbnew ħafna djar ta' assistenza soċjali u ta'edukazzjoni għall-iltiema u għat-tfal tal-ħabsin. Is-santwarju u l-opri kollha marbutin miegħu huma f'idejn is-Santa Sede, li tamministrahom permezz ta' Kummissjoni tal-Kardinali.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompej ***(ritratt lemin)*** malajr bdiet tinxtered mal-Italja kollha u ma damitx ma waslet f'pajjiżna. Fir-rivista tas-Santwarju, "Il Rosario e la nuova Pompei" tal-1885 naqraw relazzjoni tal-Markiża Maltija Rosa Apap Testaferrata dwar ħelsien minn għarqa nhar il-festa stess tal-Madonna ta' Pompej.

Bħala radd il-ħajr lill-Madonna għal din il-grazzja, il-Markiża għenet sew biex tinbena l-Knisja ta' Marsaxlokk li hi ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju ta' Pompej.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna għadha tinħass, hekk li fil-parroċċi kważi kollha, fit-8 ta' Mejju u fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, festa tal-Madonna tar-Rużarju, tingħad is-Supplika. Din issir b'solennità fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt. F'Marsaxlokk, fit-8 ta' Mejju, jsir kull sena pellegrinaġġ nazzjonali.

Niżżel fid-djarju tiegħek

It-Tlieta, 1 ta' Mejju 2018 - ***San Ġużepp Ħaddiem***

Nitolbu lil San Ġużepp iħares lilna ħaddiema. Tajjeb li f'dan il-jum inqaddsuh bis-smigħ tal-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu. F'dan il-jum niċċelebraw ukoll 'Jum il-Ħaddiem';

Il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju 2018 - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

Is-Sibt, 5 ta' Mejju 2018 - ***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***

Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija;

Il-Ħadd, 13 ta' Mejju 2018 - ***Jum l-Omm***

F'dan il-jum speċjali naħsbu fl-għeżież ommijiet tagħna, u hawn qed ngħidu kemm għal dawk l-ommijiet li għadna ngawduhom magħna, kif ukoll dawk li issa jinsabu fil-mistrieħ ta' dejjem.



Dale Carnegie (ritratt xellug), barra li hu awtur kbir, hu bniedem ta' karità kbira. Darba staqsewh: 'Inti kif dejjem tagħti l-karità u dejjem tmur 'il quddiem minflok lura?'
Dale wieġeb: 'Jien ninpala 'l barra. Alla jinpala 'l ġewwa. U nzerta li l-pala ta' Alla hi ikbar!'

Drops Of Laughter

Q: What did the duck say when she bought lipstick?
A: "Put it on my bill."

Q: Why couldn't the leopard play hide and seek?
A: Because he was always spotted.

A mom texts: "Hi! Son, what does IDK, LY, & TTYL mean?"
He texts back: "I Don't Know, Love You, & Talk To You Later."
The mom texts him: "It's ok, don't worry about it. I'll ask your sister, love you too."

Drops Of Wisdom

Dale Carnegie quotes:

Success is getting what you want.
Happiness is wanting what you get.

People rarely succeed unless they have fun
in what they are doing.

Those convinced against their will
are of the same opinion still.

Fear not those who argue but those who dodge.

Fit-13 ta' Mejju infakkru Jum l-Omm, eżatt għeluq il-ħames xhur mill-mewt ta' omm ħabiba tagħna li offriet l-ispejjeż ta' din il-ħarġa tal-fuljett. Hi talbitna biex f'dan il-jum nitolbu għal ommha. Waqt li nirringrazzjawha, nixtiqukom li flimkien magħna nitolbu għar-ruħ għażiża ta' ommha. Grazzi.

Id-Direzzjoni

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org